# *MINUTI*

## *KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ (IT-TIELET KUNSILL)*

## *LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U ĦAMSIN*

***1 ta' Frar, 2002***

*Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab Dar Mattia Preti, 4, Triq il-Fjuri, fis-6.10 ta' filgħaxija.*

*Is-Sindku Antonia Farrugia, ippresediet.*

## *PREŻENTI*

*Is-Sindku Antonia Farrugia, l-Viċi Sindku Mark Spiteri, l-Kunsillier Raymond Grixti, l-Kunsillier Joseph D'Amato u l-Kunsillier Emanuel Briffa.*

*L-Uffiċċjal preżenti kien is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.*

*Il-Kunsillier Mario Sammut kien preżenti għal-laqgħa mis-6.20pm 'il quddiem.*

*Il-Kunsillier Mauro Pace Parascandalo kien preżenti għal-laqgħa mis-6.30pm 'il quddiem.*

## *MINUTI*

### *55.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

### *55.1.1 Approvazzjoni tal-Minuti*

*KLZ04/02 Il-Kunsillier Emanuel Briffa ressaq din il-mozzjoni:*

*"Il-Kunsill japprova l-Minuti tal-laqgħa numru 54 kif ippreżentati."*

*Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Joseph D'Amato u għaddiet nem.con.*

### *55.9.4 Punti li tqajjmu mill-Minuti*

***Triq Marjanu Gerada***
*Kien hemm qbil mill-Kunsill illi b'konsegwenza tal-bdil tat-trafikku fi Triq Matteolo Saliba kein hemm il-ħtieġa li Triq Marjanu Gerada tkun miftuħa għat-traffiku miż-żewġ direzzjonijiet.*

***Ġnien fi Triq San Pawl***
*Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil Membri li kien għamel kuntatt mal-Perit Althea Camenzuli mill-Ministeru għall-ambjent u li kienet inkarigata minn dan il-proġett. Semmiet li l-applikazzjoni quddiem l-Awtorita ta' l-*

*Ippjanar ma saritx peress li possibilment ikun hemm bdil fil-pjanti tal-proġett u li min issa 'l quddiem ikun aħjar jekk il-Kunsill jitkellem mas-Sur Charles Zammit mis-Segretarjat ta' l-istess Ministeru.*

*Il-Kunsillier Mario Sammut daħal għal-laqgħa f'dan l-istadju (6.20pm)*

***55.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku***

***55.2.1 Talba għal Ħlas mill-Ministeru għall-Ambjent***

*Is-Sindku infurmat lil Kunsill li l-Ministeru għall-Ambjent kien għamel talba sabiex il-Kunsill iħallas l-ammont ta' Lm 34,324.37c bħala l-ewwel pagament fuq il-ftehim li kien sar fil-5 ta' Novembru, 2001.*

*Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dan is-suġġett fejn innota li għalkemm inbeda x-xogħol fuq il-belveder ta' Wied Babu ma ingħatat l-ebda informazzjoni meta ser jinbeda x-xogħol fuq ir-rikostruzzjoni tal-latrina pubblika u li teżisti l-possiblita li l-ġnien fi Triq San Pawl ma jsirx skond il-pjanti li għalihom kien iffirma bħala korretti. Qabel ukoll li hu lest jonora l-ftehim jifhem li dan għandu jkun reċiproku. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv kien inkarigat jikkomunika mal-Ministeru sabiex tinġieb stqarrija miktuba li x-xogħolijiet ser isiru skond il-proġetti kif kienu meħħija u ppreżentati fil-proċess li sar il-ftehim dwarhu.*

*Il-Kunsillier Mauro Pace Parascandalo daħal għal-laqgħa f'dan l-istadju (6.30pm).*

***55.9.4 Laqgħa mal-Ministru tas-Saħħa***
*Is-Sindku nfurmat lil Membri li nhar it-Tnejn 4 ta' Frar kienet ser titella laqgħa mal-Ministru tas-Saħħa dwar ir-riallokazzjoni tal-Berġa tas-Saħħa.*

***55.9.5 Bini tal-Ħitan tas-Sejjiegħ***
*Is-Sindku nfurmat lil Membri li l-ħaddiema li qed jipparteċipaw fl-iskema ta' xogħol fil-komunita bdew jingħataw taħriġ fuq is-sengħa tal-bini tal-ħitan tas-sejjiegħ. Kien hemm qbil li matul it-taħriġ li ser isir fiż-Żurrieq ikunu mibnija jew imsewwija ħitan tas-sejjiegħ fi Triq Wied Ganu, Triq Ħal Far u Triq il-Barrieri, flimkien mat-tiswija tal-ħajt li jinsab biswit il-katakombi tal-Mitħna tax-Xarolla.*

***55.9.6 Permess għal aċċess fi Vjal ix-Xarolla***
*Il-Kunsill ma approvax talba ta' persuna minn Ħal Safi sabiex tingħata permess għal aċċess minn Vjal ix-Xarolla bil-vettura kbira tiegħu.*

***55.9.7 Eco Toursim***
*Is-Sindku nfurmat lil Membri b'memorandum maħruġ mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar is-suġġett. Kien hemm qbil li l-Kunsill jipparteċipa f'dan il-proġett u għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv kien inkarigat mit-tħejjija ta' pjan ta' attivitajiet.*

***55.9.8 Ġemellaġġ ma' Morphou***

*Is-Sindku infurmat lil Membri li l-Kunsill irċieva kommunikazzjoni mingħand is-Sindku l-ġdid tal-Muniċipalita ta' Morphou, fejn ġie ssuġġerit li jiġi konkluż il-ġemellaġġ bejn iż-żewġ partijiet.*

*Il-Kunsill qabel li d-data ta' l-iffirmar tad-dokumenti tal-ġemellaġġ fiż-Żurrieq għandu jiġi ffissat wara l-elezzjoni lokali li ser isiru f'Marzu li ġej.*

***55.10 Laqgħa Annwali ta' Bubaqra***

*Il-Kunsill approva li l-Laqgħa Annwali ta' Bubaqra titella nhar il-Ġimgħa 22 ta' Frar, 2002 fis-6.00 ta' filgħaxija fis-sala tal-Knisja ta' Bubaqra.*

***55.11 Laqgħa Annwali tal-Lokalita***

*Il-Kunsill inotta li ma ġiex mgħarraf bl-allokazzjoni finanzjarja għas-sena li tibda mill-1 ta' April, 2002 u għaldaqstant ma kienx f'pożizzjoni li jagħmel it-tħejjijiet tiegħu fuq l-Estimi Annwali. Kien ukoll innottat li b'konsegwenza ta' dan mhux possibli illi jikkonforma ruħu ma' artiklu 70 tal-Liġi dwar il-Kunsilli Lokali u kien deċiż illi l-Laqgħa Annwali tal-Lokalita titella nhar il-Ħadd 3 ta' Marzu, 2002 fiċ-Ċentru tal-Komunita Joe Cassar fl-10.00 ta' filgħodu.*

*Is-Segretarju Eżekuttiv kien inkarigat iħejji l-avviżi neċessarji għal dawn il-laqgħat.*

***55.5 Ilmenti tar-Residenti (Jannar,2001)***

*Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-Rapport ta' l-Ilmenti tar-Residenti għax-xahar ta' Jannar, 2001. Kienu meħuda dawn id-deċiżjonijiet mill-Kunsill fir-rigward ta' lmenti pendenti:*

***Ilment Numru 67/5/02 - Triq il-Bronja***
*Il-Kunsill ma qabilx li għandu jiġi riallokat il-bus stop f'dan l-istadju imma kellha tittieħed konsiderazzjoni ta' dan l-ilment bħala parti mill-pjan ta' titjieb fil-kwalita tat-traffiku għal din iż-żona.*

***Ilment Numru 67/102/02 - Triq Santa Marija***
*Il-Kunsill ma qabilx li għandha titneħħa l-iskip ta' din it-triq.*

*Kien ukoll deċiż mill-Kunsill illi minflok l-iskip li nħarqet fi Triq Franġisk Coleiro, issir oħra fi Triq il-Wied kif ukoll li jkun hemm gwardjan lokali f'post fiss fil-viċinanza ta' l-iskips ta' Vjal ix-Xarolla.*

***Ilment Numru 67/107/02 - Triq Filippu Farrugia***
*Il-Kunsill ma qabilx mal-proposta.*

***Ilment Numru 67/53/02 - Triq il-Qrendi***
*Il-Kunsill qabel li l-isleeping policeman f'din it-triq tiġi kkunsidrata meta jsir ir-resurfacing tat-triq.*

***Ilment Numru 67/143/02 - Triq il-Kbira***
*Għalkemm il-Kunsill ma setgħax jilqa t-talba ta' dan l-ilment, kien hemm qbil li ssir aktar sorveljanza bil-gwardjani lokali kif ukoll li jsiru modifikazzjoni fl-istess sqaq billi ssir rampa fejn hemm diżlivelli.*

***Ilment Numru 67/0016/02 - Triq PP Pullicino***
*Il-Kunsill ma qabilx li għandhom isiru sleeping policemen f'din it-triq.*

***Ilment Numru 67/105/02 - Triq il-Bronja/Vjal Blue Grotto***
*Il-Kunsill wara li kkunsidra l-każ ma qabilx li l-bus stops għandu jitressaq kif ukoll li jiġi ntrodott wieħed ġdid fi Vjal il-Blue Grotto.*

***Ilment Numru 67/140/02 - Triq Matteolo Saliba***
*Filwaqt li l-Kunsill ma qabilx li jsiru sleeping policemen f'din it-triq, kien deċiż li ssir modifikazzjoni fil-pjan tas-sistema tat-traffiku billi tiġi ntrodotta pedestrian crossing f'din it-triq.*

***Ilment Numru 67/152/02 - Triq il-Bronja, Triq SanMikiel***
*Il-Kunsill qabel li għandu jsir traffic management ta' dawn l-inħawi.*

### *55.9 Rapport Finanzajru ta' Kull Tlett Xhur (Ottubru-Diċembru, 2001)*

*Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw ir-rapport finanzjarju li jkopri x-xhur bejn Ottubru u Diċembru, 2001.*

*Dan kien juri li għal dawn it-tlett xhur kien hemm dħul ta' Lm 66,957 u nefqa ta' Lm 107,634, filwaqt li d-dħul totali għas-sena jlaħħaq għal Lm 192,087 u l-infiq għal Lm 249,950. Fl-aħħar parti tar-rapport hemm tbassir tal-qagħda finanzjarja li tkopri l-perijodu bejn Jannar u Marzu, 2002. Hu mistenni dħul ta' Lm 66,466 u nefqa ta' Lm 160,404. Dan iwassal sabiex fl-aħħar tes-sena, meta jiġi kkunsidrat il-bilanċ ta' Lm 124,720 mis-sena ta' qabel, kif ukoll l-ammont ta' fondi rikuperati mill-ftehim mal-Ministeru għall-Ambjent li jlaħħaq għal aktar minn Lm 47,000, il-Kunsill mistenni li jispiċċa s-sena finanzjarja b'bilanċ pożittiv ta' Lm 14, 157.*

*KLZ05/02 Il-Kunsillier Joseph D'Amato ressaq din il-mozzjoni:*

*"Il-Kunsill japprova r-Rapport Finanzjarju ta' Kull Tlett Xhur, li jkopri x-xhur ta' Ottobru, Novembru u Diċembru, 2001 kif ippreżentat."*

*Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillieri Emanuel Briffa u approvata nem.con.*

### *55.7 Progress dwar Proġetti Kapitali*

#### *55.7.1 Uffiċċju Amministrattiv Ġdid*

*Il-Kunsill kien infurmat bil-progress li kien qed isir fil-manutenzjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv Ġdid kif ukoll li l-Awtorita ta' l-Ippjanar kienet għaddiet l-applikazzjoni għal bdil ta' użu lill-Kummissjoni Persuni B'Diżabilita sabiex issir reviżjoni mill-ġdid wara li kienu saru l-emendi kif mitluba.*

#### *55.7.2 Kisi bit-tarmakk ta' diversi toroq*

*Is-segretarju Eżekuttiv ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill il-kontijiet tax-xogħol ta' kisi bit-tarmakk li sar fiż-żona tal-Bebbux II, li huma:*

*Triq Mons PP Pullicino għall-ammont ta' Lm 21,201.17c;*
*Triq M. Gervase għall-ammont ta; Lm 2,915.47c;*
*Triq il-Kittenija għall-ammont ta' Lm 3,900.83c;*
*Triq il-Kanonku Balzan għall-ammont ta' Lm 2,218.05c;*
*Triq Napuljun għall-ammont ta' Lm 11,494.55c u ;*
*l-pjazetta ta' bejn Triq Napuljun u Triq il-Kanonku Vincenz Balzan għall-ammont ta' Lm 2,917.73c;*

*Minn dan l-ammont trid titnaqqas is-somma ta' Lm 2,232.39c bħala contract management fees.*

*Il-Kunsill ġie wkoll infurmat bl-iżviluppi li kienu qed iseħħu sabiex jitlestew ix-xogħlijiet ta' Triq San Mikiel, fejn kien qed jiġi miżmum ix-xogħol minħabba n-nuqqas ta' approvazzjoni tal-mejn ta' l-ilma l-ġdid mill-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma.*

*Fir-rigward tat-tieni fażi tax-xogħlijiet, li huma kkonċentrati fil-parti ċentrali tal-lokalita, kienet saret talba mill-kuntrattur sabiex ikun hemm reviżjoni tal-metodu tax-xogħol. Dan billi ħafna mit-toroq huma dojoq u għaldaqstant ħafna mix-xogħol ser isir manwalment. Minn stima li kienet imressqa mill-ressaq il-kuntrattur il-varjanzi għax-xogħhol ordnat mill-Kunsill li jlaħħaq għal Lm 66,8000, kienet ta' mhux aktar minn Lm 4,692.*

*Filwaqt li l-Kunsill fehem ir-raġunijiet imressqa u ma sabx oġġezzjoni għal dawn il-varjanza, kien hemm qbil li dawn jiġu wkoll referuti lill-Perit inkarigat mill-proġett għall-approvazzjoni tiegħu.*

*55.9.4* ***Triq il-Kanġu***

*Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda tal-Kunsill, petizzjoni ppreżentata lilha mir-residenti ta' Triq il-Kanġu kif ukoll kopja ta' pjanta ppreżentata mid-Dipartiment tat-Toroq għat-twessiegħ ta' din it-triq.*

*Wara diskussjoni milll-Kunsill kien hemm qbil mal-proposta tad-Dipartiment tat-Toroq kif ukoll li tintbagħat kopja ta' l-istess proposta lir-residenti ta' din it-triq.*

*Is-Sindku għarrfet ukoll lil Kunsill li minn informazzjoni li ngħatat mid-Dipartiment tat-Toroq, kien sar progress dwar il-formazzjoni ta' toroq ġodda, fejn hi mistennija li toħroġ is-sejħa għall-offerti.*

***55.7.4 Kisi bit-tarmakk - Tal-Bebbux 1***

*Kienet ukoll innottat korrispondenza riċevuta mingħand il-Korporazzjoni Enemalta li qed jinfurmaw lil Kunsill illi ser isiru xogħlijiet ta' tqegħid ta' low tension cables f'diversi toroq ta' din iż-żona. Kien għalhekk deċiż li ssir il-ko-ordinazzjoni meħtieġa sabiex dawn ix-xogħlijiet jitwettqu fl-iqsar żmien possibli sabiex ikun jista jitkompla l-proġett ta' kisi tat-toroq bit-tarmak mill-Kunsill.*

*Il-Kunsillier Mauro Pace Parascandalo ħalla l-laqgħa f'dan l-istadju (9.10pm).*

### *55.8 Estenzjoni ta' Kuntratti*

*Il-Kunsill unanimament qabel li minn issa sakemm tintemm din il-leġislatura, kull kuntratt ta' servizzi u li jkun ser jiskadi f'dan il-perjodu jiġi mġedded għal tlett xhur.*

### *55.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' xogħlijiet*

**_55.9.1 Web Site tal-Kunsill_**
*Il-Kunsill approva stima mingħand Liquidstudios, li tlaħħaq għal Lm 472,50c, sabiex tiġi ikkrejata l-web site tal-Kunsill.*

**_55.9.4 Stampar ta' Ktieb_**
*Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq tmien kwotazzjonijiet sabiex isir l-istampar tal-ktieb, 'Iż-Żurrieq mis-Snin Għoxrin sa tmiem il-Gwerra", mingħand:*

*Interprint Limited għal prezz ta' Lm 1218.00c;*
*Colour Image Printers għal prezz ta' Lm 1180.00c;*
*Union Print għal prezz ta' Lm 1213.00c;*
*Pulton's Print Shop għal prezz ta' Lm 1288.00c;*
*Progress Press Co Limited għal prezz ta' Lm 1200.00c;*
*Printwell Limited għal prezz ta' Lm 1974.00c;*
*Gutenberg Press għal prezz ta' Lm 1571.00c; u*
*Veritas Press għal prezz ta' Lm 1240.00c..*

*Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni ta' Interprint Limited peress li hi l-iżjed offerta vantaġġjuża.*

**_55.9.3 Tisbiħ ta' Triq Wied Ganu_**
*Kienet imressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill stima mingħand Silvar Construction Services Limited sabiex isiru xogħlijiet ta' tisbieħ ta' pjazetta fi Triq Wied Ganu bil-bini ta' ħitan sabiex jiġu iffurmati diversi soft areas. Din kienet tlaħħaq għal Lm 1985.36c jekk ix-xogħol isir b'ħitan tas-sejjiegħ, Lm 1915.66c jekk ix-xogħlijiet isiru b'ħitan tal-franka, Lm 2199.86c jekk ix-xogħlijiet b'ħitan doppji tal-franka. Il-Kunsill kkunsidra wkoll li l-ħaddiema fl-Iskema ta' xogħol fil-komunita qed jattendu kors għal bini ta' ħitan tas-sejjiegħ. Għaldaqstant kien hemm qbil li tkun maħsuba l-possiblita li dawn ix-xogħlijiet isiru minnhom bħala parti minn din l-iskema.*

**_55.9.4 Bnadar tal-lokalita_**
*Il-Kunsill approva stima mingħand Manoel Island Yacht Yard għall-ammont ta' Lm 260.00c sabiex isiru żewġt ibnadar tal-lokalita.*

**_55.9.5 Trasferiment tas-sistema ta' l-arja kundizzjonata_**
*Il-Kunsill approva kwotazzjoni mingħand Titan Enterprises Limited għall-ammont ta' Lm 185 sabiex isir trasferiment tas-sistema ta' l-arja kundizjonata mill-uffiċċju preżenti għal dak ġdid.*

**_55.9.6 Xiri ta' street furniture_**
*Il-Kunsill approva kwotazzjoni mingħand V & C Trading Limited li tlaħħaq għal Lm 322.20c sabiex jiġu provduti żewġ tree grills, żewġ bollards u għaxar manhole covers.*

***55.9.7 Xogħlijiet Oħra***
*Il-Kunsill approva ordnijiet oħra ta' xogħol u akkwist ta' servizzi li saru matul ix-xahar ta' Jannar, li lista tagħhom hi anessa ma' dawn l-minuti.*

***55.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskedi ta' Pagamenti***

*Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra żewġ skedi ta' pagamenti, kif ukoll il-Petty Cash Account għax-xahar ta' Diċembru.*

*KLZ06/02 Il-Kunsillier Mario Sammut ressaq din il-mozzjoni:*

*"B'riżultat tad-diskussjoni li saret, il-Kunsill japprova l-ħlas lura tal-Petty Cash għall-ammont ta' Lm43.79c kif ukoll l-iskedi ta' pagamenti li jlaħħaqu għal Lm 10,000.94c."*

*Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Emanuel Briffa u approvata nem.con.*

*Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-10.10 ta' filgħaxija.*

*Konfermati, illum ____ ta' Marzu, 2002*

*Antonia Farrugia*
***Sindku***

*Adrian Mifsud*
***Segretarju Eżekuttiv***